

Brussell, 22 ta' Jannar 2018
(OR. en)

5550/18

Fajl Interistituzzjonali:
2014/0297 (NLE)

PI 4

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
fi: 22 ta' Jannar 2018

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/... dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubbliċi għal Persuni Għomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li b'xi mod ieħor għandhom Diffikultà biex Jaqraw Materjal Stampat
- Adozzjoni

1. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/221/UE¹, it-Trattat ta' Marrakexx ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fit-30 ta' April 2014, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.
2. Fil-21 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubbliċi għal Persuni Għomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li b'xi mod ieħor għandhom Diffikultà biex Jaqraw Materjal Stampat².
3. Fit-23 ta' Ottubru 2017, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tat-Trattat kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti u kif jinsab fid-dokument 12629/17, flimkien mat-Trattat innifsu³, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, bil-ħsieb tat-tnejn tal-konklużjoni futura tat-Trattat.

¹ ĠU L 115, 17.4.2014, p. 1

² Dok. 14617/14.

³ Dok 5905/2015

4. Fit-18 ta' Jannar 2018, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tat-Trattat.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tat-Trattat, kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti u kif jinsab fid-dokument 12629/17.
